TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 104/14-F

**Claire Mizzi**

**vs**

**Forestals Appliances Ltd.**

Illum 30 ta' Settembru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-20 ta' Mejju, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħames mija, u sebgħa w sittin ewro (€567), rappreżentanti prezz ta' *fridge* tad-ditta Ariston li wara ftit ma baqgħetx taħdem.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *fridge* li kellha sena garanzija u li kellha l-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet b'eċċezzjoni preliminari illi t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda illi ma segwietx il-proċedura tal-Artikolu 79(1) u (2) tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li ra l-eċċezzjoni u wara li ra li ma ġietx osservata l-proċedura li tobbliga lir-rikorrenti f'dan l-Artikolu, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888